



## Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-280/13

**Barclays Bank SA**  
vs  
**Sara Sánchez García u Alejandro Chacón Barrera**

(talba għal deċiżjoni preliminari imressqa mill-Juzgado de Primera Instancia de Palma de Mallorca)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 93/13/KEE — It-tlettax-il premessa — Artikolu 1(2) — Kuntratti konklużi mal-konsumaturi — Kuntratt ta' self ipotekarju — Proċedura ta' eżekuzzjoni ipotekarja — Dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari nazzjonali — Ekwilibriju kuntrattwali”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-30 ta' April 2014

1. *Protezzjoni tal-konsumaturi — Klawżoli ingħusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi — Direttiva 93/13 — Għan*

*(Direttiva tal-Kunsill 93/13, Artikolu 6(1))*

2. *Protezzjoni tal-konsumaturi — Klawżoli ingħusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi — Direttiva 93/13 — Obbligu għall-qorti nazzjonli li teżamina ex officio n-natura ingħusta ta' klawżola li tissemma f'kuntratt suġġett għall-evalwazzjoni tagħha*

*(Direttiva tal-Kunsill 93/13)*

3. *Protezzjoni tal-konsumaturi — Klawżoli ingħusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi — Direttiva 93/13 — Proċedura ta' eżekuzzjoni ipotekarja — Assenza ta' possibbiltà għall-qorti nazzjonali li tadotta miżuri provviżorji — Inammissibbiltà — Nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' effettivitā*

*(Direttiva tal-Kunsill 93/13)*

4. *Protezzjoni tal-konsumaturi — Klawżoli ingħusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi — Direttiva 93/13 — Kamp ta' applikazzjoni — Esklużjoni prevista mill-klawżoli kuntrattwali li jirriflett lu ligħej jew regolamenti obbligatorji — Assenza ta' klawżoli kuntrattwali li jbiddlu l-portata jew il-kamp ta' applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali — Nuqqas ta' applikabbiltà tad-Direttiva*

*(Direttiva tal-Kunsill 93/13, it-tlettax-il premessa u l-Artikolu 1(2))*

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara 1-punt 33)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara 1-punt 34)

MT

3. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara 1-punt 36)

4. Id-Direttiva 93/13, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumaturi, u l-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-ekwilibriju kuntrattwali għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma eskuži mill-kamp ta' applikazzjoni tagħhom dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari ta' Stat Membru, fl-assenza ta' klawżola kuntrattwali li tbiddel il-portata jew il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-aħħar. F'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet nazzjonali ma humiex ta' natura kuntrattwali, iżda ta' natura leġiżlattiva jew regolatorja. Issa, tali dispożizzjonijiet ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva li tipprobixxi l-klawżoli inġusti fil-kuntratti konkuži mal-konsumaturi.

Fir-rigward tal-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-ekwilibriju kuntrattwali, għandu jiġi kkonstatat li d-Direttiva 93/13 hija intiża sabiex tīgħi żgurata l-osservanza tagħhom billi jiġu eliminati l-klawżoli inġusti fil-kuntratti konkuži mal-konsumaturi peress li huma manifestazzjoni ta' żbilanċ bejn il-partijiet kontraenti.

Issa, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari nazzjonali inkwistjoni ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13, peress li ma ġietx invokata l-eżistenza ta' klawżola kuntrattwali inġusta. Barra minn hekk, fil-preżenza ta' *lex specialis*, bħalma hija d-Direttiva 93/13, li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-prinċipji ġenerali li fuqhom hija bbażata ma jistgħux japplikaw.

(ara 1-punti 39, 40, 43-45 u d-dispożittiv)